MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
GINO CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 108/1997/1

**Emanuel Borg**

**vs**

**Joseph Cassar**

Il-Qorti

Rat is-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-24 ta' April 2001 fejn intqal kif gej :-

*"Il-Bord,*

*Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalu li:*

*1. hu jikri lill-intimat il-fond numru tmienja (8), Belveder Terrace, ix-Xatt, Sliema bil-kera ta' tmintax-il lira Maltija (Lm18) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem l-iskadenza li jmiss hija dik ta' l-1 ta' Jannar, 1998.*

*2. l-intimat kien juza dan il-fond sabiex fih jezercita sengha izda issa ilu snin li ilu ma jiftah l-imsemmi fond ghal dan l-iskop u ghalhekk biddel id-destinazzjoni ta' l-istess.*

*3. l-intimat abbanduna l-fond lilu mikri u bl-agir tieghu kkaguna hsara konsiderevoli fl-istess fond.*

*Talab li jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fond u ghal dan il-ghan jigi prefiss terminu qasir u perentorju biex l-intimat jigi zgumbrat.*

*Ra r-risposta ta' l-intimat li qal li;*

*It-talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta bl-ispejjez stante li hija nfondata fid-dritt u fil-fatt ghar-ragunijiet segwenti:*

*1. hu jezercita s-sengha ta' argentier regolarment fil-fond in kwistjoni u dan ilu jaghmlu ghal bosta snin. Illi ghalhekk m' huwiex minnu li huwa biddel id-destinazzjoni tal-fond in kwistjoni.*

*2. lanqas huwa minnu li l-esponenti abbanduna l-fond lilu mikri. Anzi mhux biss ma abbandunahx, izda sahansitra rrangah b' mod li llum il-gurnata jinsab fi stat tajjeb.*

*Ra d-digriet tieghu tal-11 ta' Marzu 1998 li bih gew nominati periti teknici l-AIC Joseph Jaccarini u l-AIC Godfrey Vella.*

*Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti*

*Sema' x-xhieda bil-gurament*

*Ra d-dokumenti esebiti*

*Ra l-atti*

*Ra n-nota tal-osservazzjonijiet*

*Ra l-verbal tal-25 ta' Jannar 2001*

*Ikkunsidra,*

*1. L-intimat ilu jimmanifattura l-fidda ghall-aktar minn hamsin sena (fol 44). L-iskrittura tat-30 ta' Gunju 1962 (fol 15) turi li l-intimat kien kera l-fond minghand certi Pullicino (fol 15) qabel din id-data. B' dik l-iskrittura saret kirja gdida kif inkluda jinghad : "Il-proprjetarju jerga jikri lil Joe Cassar l-istess fond bil-patt li jaghtih il-fakolta li jahdem fil-post."*

*Il-kera kienet ta' Lm14 fis-sena. Illum hi ta' Lm18 fis-sena. Meta zdiedet u kif ma jinghadx mill-partijiet.*

*2. Ir-rikorrenti xtara l-post fl-1997 meta diga kien mikri lill-intimat. Hu kien joqghod bieb ma' bieb mal-fond in kwistjoni mill-1950. Mar f'dar ohra fl-1995. Ghandu l-postijiet ..... u jghid fix-xhieda tieghu li : "irrid niehu l-pussess tal-fond in kwistjoni biex inwaqqa' l-bini kollu halli nibni residenza ghall-uliedi." (fol13)*

*3. Fil-1981 harget licenzja lill-intimat biex jaghmilha ta' 'silversmith' (fol 31) u dejjem thallset. Il-pulizija, kif jidher hafna drabi, mhux qed issib mill-ewwel dak li tigi mitluba tressaq bhala provi. Mix-xhieda ta' Louis Santangelo in rapprezentanza tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq id-Dhul - Qosom tal-Konsum jirrizulta li fl-1973 l-intimat "gie moghti licenzja sabiex jahdem u jbiegh l-fidda". Ma' l-Awtorita' l-intimat ghadu licenzjat u ghandu jahdem ghalkemm tirrizulat diskrepanza fid-dati jista' jinghad li l-intimat kien kera l-post qabel l-1962 u l-kirja hi regolata bil-ftehim tat-30 ta' Gunju 1962. L-intimat ilu registrat mill-1996 mad-Dipartiment tad-Dwana u Sisa (jew VAT) fol 12.*

*4. Mill-iskrittura fuq imsemmija u mill-licenzja mehudin flimkien jidher li originarjament il-fond jimbena bhala hanut - post li minnu jsir bejgh ta' oggetti u wara l-intimat inghata mis-sidien Pullicino il-permess li jaghmel wkoll* <u>*xoghol*</u> *fil-fond ta' manifattura/ tiswija ta' oggetti tal-fidda. Izda meta xehed r-rikorrent minkejja li jsemmi l-kelma 'hanut' jghid li : "Meta xtrajt il-post jiena kont naf illi l-post m' ghadux jintuza bhala residenza izda qed jintuza biex l-intimat Joseph Cassar jaghmel xi xoghol ta' argenterija go fih."*

*Martu tghid l-istess (fol 29-30) u isemmi z-zmien ta' tlieta u ghoxrin (23) sena. Ghalkemm skond il-ligi l-fond kien u baqa' 'hanut', minn fond principalment mikri ghall-bejgh ta' oggetti sar fond principalment mikri biex tigi mhaddma sengha go fih. Ghal snin ir-rikorrent accetta dan l-istat ta' fatt. (ara wkoll in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent (fol 110-113).*

*5. Ir-rikorrent a mertu li ghamel zmien twil joqghodu biswit it-hanut jallega li l-intimat kien juza l-fond xi darbtejn/tlieta fil-gimgha, u meta jinzel kien idum siegha/siegha u nofs. Hbiebi ma jidhlux, l-bieb ta' barra maghluq.*

*6. L-intimat l-ewwel jghid "jiena ninzel kwazi kuljum" u jghid "meta ma ninzilx, jumejn tlieta dejjem ninzel zgur." Il-bieb, il-hamsin sena li ilu fil-fond dejjem zammu maghluq. Mistoqsija "jigifieri int tahdem bil-bieb ta' barra maghluq". Iwiegeb - "Ghax jiena nimmanifattura ghall-hwienet". Mistoqsija: "jigifieri ma jistghux jigu n-nies ghandek dirett". Twegiba: "jistghu jigu, jhabbtuli." (fol 46). Tissokta x-xhieda tieghu dwar kemm jinzel regolarment fil-post : "Gieli tlett darbiet, darbtejn, skond ix-xoghol li jkolli gieli izjed" (fol 49).*

*7. L-intimat ressaq bhala xhud lil huh Alfred Cassar li jghid li kien igieb xoghol lil huh minn hanut iehor tal-familja. 'Estensy Jewellers' li kienet "fabbrika tad-deheb u l-fidda" u issa qed tintuza ghall-"photocopies u hekk, stationery" (fol 83). Jghid li tarha n-nies iggibulu xoghol tad-deheb. Xhieda emeziva f' hafna partijiet taghha.*

*8. Ix-xhud Francis Suda li hu 'goldsmith' u llum pensjonant l-ewwel jghid li jiftah il-hanut tieghu " kwazi kuljum, imma jiena perezempju meta kelli aptit mort nistad...." (fol 102). Jghid li jaghtih xi xoghol lill-intimat. Din hi xhieda bhal dik ta' Alfred Cassar. It-tnejn ittellghu jixhdu biex jghidu xi haga u spiccaw ma jghidu xejn ta' sustanza.*

*9. Il-Bord jasal ghall-konluzzjoni li l-intimat juza l-fond ftit li xejn. Dan jirrizulta mix-xhieda tieghu stess moghtija f' zewg seduti - 28 ta' Ottubru 1999 u 9 ta' Frar 2000. Ma jgieb l-ebda raguni hlief li "ghax ma kelliex ordnijiet. Kienu qed igiebu l-affarijiet minn barra". F' daqqa jghid li jbiegh, f' daqqa jghid li ilu hames snin ma jbiegh. Jista' jkun li xi darba f' elf isewwi xi haga. Ma jsemmi xejn dwar sahtu, anzi jghid li baqa' miexi bix-xoghol. (Din ix-xhieda li ghal kollox differenti minn dak li jissottometti fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu). Tassew li ghandu kollox sew ma' l-Awtorita' (ihalli barra biss dokumenti dwar it-Taxxa fuq id-Dhul) imma dan ma jaffettwax ir-rabta li hemm bejnu bhala kerrej u bejn ir-rikorrent li hu s-sid. Bniedem li jsemmi hwejjeg tad-deheb u jghid (gieli jikkontradici ruhu) li jbiegh wkoll ma jhalliex il-hanut maghluq u zdingat u jistenna li l-hbieb joqghodu jhabbtulu. Dan dejjem jekk insibuh. Sar bejgh lil Artisans Centre ta' cirka elf u sitt mitt lira Maltija (Lm1600) fit-30 ta' Awissu 1999.(Dok fol 56). Meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Frar 2000 stqarr li l-bejgh sar xi sitt snin qabel (fol 64). L-intimat ma fiehemx id-diskrepanza li hemm bejn ix-xhieda tieghu u d-dokemnti li ipprezenta waqt l-istess xhieda. Hu car li meta ghalaq hamsa u sittin (65) u ha l-pensjoni l-intimat, llum ta' 73 kwazi qata ghal kollox il-hidma tieghu (fol 62) ghax finanzjarjament kien qieghed mhux hazin. Il-familja jekk tassew kienet tghaddilu xi xoghol minn fabbrika ohra biddlet llum is-sena tan-negozju taghha.*

*10. Il-fond mhux qed jintuza ghal ghan li ghalih inkera ghax l-intimat mhux qed jahdem fih, hlief darba f' elf u qed jinzamm maghluq.*

*11. Gabar kollox fi ftit kliem il-Laurent - "Non si usa delle cose secondo la sua destinazione, non usandone". Dan it-taghlim dejjem intlaqa mill-Gurisprudenza (ara spoll mill-*

*Bord "Zammit Lupi vs Le Rosa di Cristofero, 12/12/96) li tghallem wkoll li ftit uzu hu l-istess bhala non- uzu* |*(Farrugia noe vs Licari app: 17/2/95)*

*12. Ghalkemm ir-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid li jrid iwaqqa l-fond flimkien ma ohrajn ha jibni ghal uliedu, dan bl-ebda mod ma jolqot il-fatti li ghandu quddiem il-Bord illum.*

*Billi l-Bord ser jilqa' t-talba fuq l-ewwel kawzali m' hemmx htiega li jidhol fit-tieni.*

*Ghalhekk, billi jirrizulta non-uzo li jikriminah ghall- bdil ta' destinanzzjoni l-Bord jilqa' t-talba tar-rikorrent imsejsa fuq din il-kawzali u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond numru tmienja (8), Belvedere Terrace, Ix-Xatt, Tas-Sliema; ghall-fini ta' l-izgumbrament jipprefiggi t-terminu ta' xahar mill-llum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat."*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-intimat Joseph Cassar fejn gie sottomess :

1. Illi b`rikors tas-6 ta' Awissu 1997 prezentat quddiem il-Bord li jirregola l-Kera, r-rikorrent Emanuel Borg wara li ppremetta li huwa jikri l-fond li jgib in-numru tmienja (8) Belvedere Terrace, ix-Xatt, Sliema, lill-intimat bil-kera ta' tmintax-il lira Maltija (Lm18) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem bl-iskadenza taghlaq fl-1 ta' Jannar, 1998; illi l-intimat kien juza dan il-fond sabiex jezercita sengha izda issa kien ilu snin ma jiftah l-imsemmi fond ghal dan l-iskop u ghalhekk biddel id-destinazzjoni ta' l-istess; illi l-intimat abbanduna l-fond lilu mikri u bl-agir tieghu kkaguna hsara konsiderevoli fl-istess fond; talab li jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tal-fond u ghal dan il-ghan jigi prefiss terminu qasir u perentorju biex l-intimat jigi zgumbrat;

2. Illi b`risposta tieghu prezentata fit-22 ta' Awissu, 1997 l-esponent, Joseph Cassar eccepixxa (a) illi hu jezercita s-sengha ta' argentier regolarment fil-fond in kwistjoni u dan ilu jaghmlu ghal bosta snin. Illi ghalhekk m`huwiex minnu li huwa biddel id-destinazzjoni tal-fond in kwistjoni; (b) illi lanqas huwa minnu li l-esponenti

abbanduna l-fond lilu mikri.  Anzi mhux biss ma abbandunahx, izda sahansitra rrangah b`mod li llum il-gurnata jinsab fi stat tajjeb;

3. Illi bis-sentenza tal-24 ta’ April, 2001 il-Bord li Jirregola l-Kera cahad l-eccezzjonijiet ta’ l-intimat u laqa’ t-talba tar-rikorrent u awtorizzah jirriprendi l-pussess tal-fond, ossija il-fond numru tmienja (8) Belvedere Terrace, x-Xatt, Sliema u ffissa ghall-finijiet ta’ zgumbrament it-terminu ta’ xahar mid-data tas-sentenza bl-ispejjez kontra l-intimat.

4. Illi l-esponent hass ruhu aggravat b`din is-sentenza u permezz tal-prezenti qieghed ghalhekk jinterponi appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsist filli l-Bord li jirregola l-Kera ghamel apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi liema provi juru illi l-fond kien qed jigi wzat u li d-destinazzjoni tieghu ma nbidlitx.  Fil-fatt, biex wasal ghall-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord naqas japrezza fatti li gew ampjament pruvati inkluz ix-xhieda tal-intimat innifsu Joseph Cassar li qal illi huwa juza l-fond darbtejn jew tlieta fil-gimgha biex jhaddem is-sengha tieghu go fih, liema fatt gie konfermat mix-xhieda tar-rikorrent innifsu w ta’ martu, li damu joqoghdu biswit il-fond in kwistjoni ghal zmien twil u dan kontrarjament ghal konkluzjoni li wasal ghaliha l-Bord in kwantu fid-decizjoni tieghu irrimarka illi l-intimat juza l-fond ftit li xejn.

6. Illi l-ftehim originali ghall-kiri tal-fond in kwistjoni bl-aktr mod inekwivoku jipprova illi l-kirja saret biex l-esponent, li huwa argentier, ikun jista jezercita s-sengha tieghu minnu u precizament l-klawzola numru wiehed (1) ta’ dan il-ftehim, data 30 ta’ Gunju 1962 taghti lil-inkwilin, cioe l-esponent Joseph Cassar, il-fakolta li “jahdem fil-post” u b`hekk l-fatt illi l-intimat kien izomm il-bieb tal-fond in kwistjoni maghluq u li biss sporadikament kien jaghmel

xi bejgh mhux relevanti ghall-kaz in disamina u ma jammontax ghall-nuqqas ta' uzu u bdil ta' destinazzjoni.

7. Illi in oltre fid-decizjoni tieghu l-Bord injora x-xhieda ta' Alfred Cassar li kkonferma li kien igib xoghol lil huh, l-esponent, minn hanut iehor tal-familja u dik ta' Francis Suda li wkoll qal illi jaghti lill-esponent xi xoghol.

8. Illi in oltre jirrizulta mill-provi lil-intimat kellu permess sabiex jezercita negozju fil-fond in kwistjoni, liema permess baqa jigi mgedded, illi fil-fond in kwistjoni kien hemm konsum ta' ilma u l-kontijiet thallsu regolarment lill-Water Services Corporation u li l-esponent huwa registrat mad-dipartiment tad-Dwana u Sisa bin-numru ta' registrazzjoni 13688816.

B`hekk jirrizulta car mill-provi li l-esponent ghadu attiv u ghadu jopera u jaghmel uzu mill-fond in kwistjoni.

Ghaldaqstant, l-esponent ghar-ragunijet fuq premessi fil-waqt li jaghmel referenza ghall-atti tal-kawza u jirriserva jaghmel l-osservazzjonijiet u provi ohra permessi mil-ligi jitlob riverentement ili din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenz fuq imsemmija tal-24 ta''April, 2001, fil-kawza fl-ismijiet predetti bl-ispejjez taz-zewg istanzi ghar-rikorrenti appellat.

Rat ir-risposta tar-rikorrenti appellat fejn gie sottomess:-

1. Illi s-sentenza moghtija mill-Bord li Jirregola l-Kera hija gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi konfermata. Illi l-Bord wara li sema' x-xhieda kollha u ghamel apprezzament tal-provi kollha, cahad l-eccezzjonijiet ta' l-appellant. L-appell intavolat mill-appellant mhu xejn ghajr appell dwar l-apprezzament tal-provi li ghamel il-Bord. Fil-kawza fl-ismijiet Agius vs Agius deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Dicembru 1994 inghad: "gie konstantement ritenut minn dawn il-Qrati illi apprezzament tal-fatti mill-Qrati tal-ewwel grad m`ghandux normalment jigi disturbat minn qorti ta' kompetenza superjuri u li dan ghandu jsir

biss f`dak il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti kienet tant zbaljata li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ngustizzja. Dan ghaliex hu car li l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f`qaghda ferm iktar favorevoli biex tifforma opinjoni objettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m`ghandhiex" (ara wkoll f`dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Bezzina vs Falzon deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Jannar 1995).

2. Ili minghajr pregudizzju ghall-premess, il-provi li tressqu juru l-kuntrarju ta' dak li qieghed jallega l-appellant. Il-fatt li l-appellant baqa' jhallas il-peress ma jfissirx b`daqshekk li ma kienx hemm bdil fid-destinazzjoni tal-fond. Dwar il-konsum ta' dawl u ilma minn gewwa dan il-fond, irrizulta wkoll li dan kien wiehed baxx hafna. Xehed rapprezentant tal-water Services Corporation u kkonferma li mill-1989 kienu biss darbtejn li l-meter reader sab il-post miftuh. Ikkonferma wkoll li "z-zewg drabi illi seta' nqara l-meter, instab illi l-previous estimated reading kien gholi".

3. Illi l-appellant innifsu jikkonferma li l-bejgh mill-fond kien wiehd sporadiku u mhux regolari. Taht dawn ic-cirkostanzi l-Qrati taghna ddikjaraw li jkunu hemm bidla fid-destinazzjoni tal-fond (ara f`dan is-sens kawza deciza fit-13 ta' Jannar 1964 mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet Magro vs Agius). Fil-kawza fl-ismijiet Mallia vs Farrugia Ellis deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Novembru 1963 inghad li meta hanut ma jinzammx regolarment miftuh jigi qiesu li qieghed jinzamm maghluq, u b`hekk ikun iqeghed jigi wzat mhux skond id-destinazjzoni tieghu.

4. Ta' rilevanza wkoll kien in-nuqqas min-naha ta' l-appellant fil-kors tal-proceduri li jipproduci l-kotba tal-kummerc tieghu u dokumenti li jirrelataw ghall-qliegh tieghu. Dan ghalkemm fis-seduta tt-28 ta' Ottubru 1999 kien obbliga ruhu li jipprezenta l-kotba ta' kummerc ta' l-ahhar tlett snin. Sussegwentement l-appellant beda jqajjem ostakoli fit-tentattiv tieghu sabiex jevita li jipprezenta tali dokumenti (ara nota pprezentata minnu fit-

22 ta’ Marzu 2000). L-esponent jissottometti li fih innifsu dan huwa konferma li l-appellant ghandu x`jahbi.

5. Illi ghamel sew il-Bord li ma tax piz lix-xhieda moghtija minn Alfred Cassar u Francis Suda. Fil-fatt ix-xhieda taghhom tikkonferma li l-appellant m`ghadux jezercita s-sengha tieghu u li llum huwa penzjonat. Insibu konferma ta’ kemm il-fond huwa mitluq u abbandunat, fir-rapport rilaxxat mill-perit Michael Busuttil li ghamel spezzjoni u rrilaxxa rapport fit-30 ta’ Lulju 1997. Fis-seduta tal-11 ta’ Marzu 1998 huwa ddikjara: “Il-konkluzjonijiet tieghi kienu ndikattivi li l-post hu definittvament mitluq u fi stat zdingat”. Ta’ rilevanza wkoll huma r-ritratti li gew esebiti fil-kors tal-proceduri u li juru l-qaghda generali tal-fond.

6. Illi ta’ rilevanza wkoll hija l-osservazzjoni li ghamlu l-membri teknici tal-Bord li marru fil-fond in kwistjoni. Ghalkemm fil-fond hemm ghodda, il-periti teknici ddikjaraw li “ma kienx jidher li din l-ghodda kienet qed tintuza ta’ spiss u l-periti teknici hadu l-impressjoni li l-fond ma tantx jigi ffrekwentat”. Irrizulta li l-appellant huwa penzjonant u l-post juzah narament sabiex jghaddi ftit hin.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu 2002;

Ikkonsidrat:

L-intimat appellant hass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera tal-24 ta' April 2001. L-uniku aggravju tal-intimat appellant jikkonsisti filli, skond hu, l-Bord li Jirregola l-Kera ghamel apprezzament ghal kollox zbaljat tal-provi, liema provi, dejjem skond l-intimat

appellant, juru illi l-fond in kwestjoni kien qed jigi wzat u li d-destinazzjoni tieghu ma nbidlitx;

Diversi drabi gie ribadit illi Qorti ta' revizjoni m'ghandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti u dana sakhemm ma jirrizultawx motivi tali li jgieghlu li jsir mill-gdid apprezzament tal-provi. Ma hemmx dubju li l-ewwel Qorti kellha l-oportunita' li tisma x-xhieda "viva voce" u zgur li kient fl-ahjar posizzjoni li tivvaluta il-kredibilita' u l-affidabilita' taghhom. F'dan ir-rigward issir referenza ghal-kawzi fl-ismijiet "Agius vs Agius" deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-2 ta’ Dicembru 1994 u "Bezzina vs Falzon" deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-11 ta’ Jannar 1995;

Fil-kaz in esami ma jirrizulta ebda element tant gravi li jista jgieghel li jkun hemm bdil fl-apprezzament tal-provi li ghamel l-ewwel Bord. In effett jirrizulta li fis-sentenza appellata sar apprezzament ta' dak li qal l-intimat u dak li qalu x-xhieda prodotti mill-intimat Alfred Cassar u Francis Suda u l-Bord gustament ghazel li ma jghatix hafna piz lill dawn id-deposizzjonijiet. Il-fatt li l-permessi jithallsu regolarment jista jkun irrilevanti ghal finijiet ta' din il-vertenza;

In vista ta' dan kollu t-talbiet tal-intimat appellant ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell interpost mill-intimat appellant u tordna li it-terminu ta' xahar prefiss fis-sentenza appellata, ghal finijiet tal-izgumbrament, jibda jiddekorri mill-lum;

Spejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------